# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 8 ta' April, 2025**

**Numru 9**

**Rikors numru 127/2019/2 TA**

**Ingrid Magri Overend**

**v.**

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**
**Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**

1. Din hija sentenza dwar appell u appell inċidentali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-14 ta' Lulju 2022 fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità konvenuta u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Kunsill Lokali, filwaqt li laqgħet it-talbiet kollha tal-attrici, u ddikjarat illi l-konvenuti huma responsabbli *in solidum* għall-inċident li seħħ fil-25 ta' April 2017 u konsegwentament responsabbli

għad-danni kollha sofferti mill-esponenti in segwitu għall-istess inċident. Il-Qorti llikwidat d-danni sofferti mill-istess attrici fl-ammont ta' ħmistax-il elf, sitt mija disa' u tmenin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€15,689.23) u kkundannat lill-Konvenuti *in solidum* bejniethom iħallsu lill-attriċi l-imsemmija somma.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf intavolat nhar id-9 ta' Frar 2019, l-attriċi fissret illi fil-25 ta' April 2017, waqt li l-esponenti kienet miexja fi Triq San Ġwann, kantuniera ma' Triq l-Ifran fil-Belt Valletta, hija kienet vittma ta' inċident, fejn effetivament hija waqgħet u sofriet ġrieħi ta' natura gravi fl-għaksa il-leminija tagħha. Sostniet illi dan l-inċident kien unikament imputabbli lill-intimati ġia la darba b'negliġenza, huma naqsu milli jżommu t-triq in kwistjoni fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u riparazzjoni, u għalhekk dan in-nuqqas wassal għall-inċident in kwistjoni. B'kawża ta' dan l-inċident l-esponenti kellha tagħmel ħamest ijiem l-isptar, u segwiti minn perjodu ta' erbgħa xhur konvalexxenza d-dar u għadha sal-lum ma tistax timxi kif suppost u/jew timxi għal distanzi normali, aħseb u ara twal.

3. Affermat illi dan l-inċident kien kaġun tal-istat diżastruż li fiha tinsab it-triq, u għalhekk huwa imputabbli lill-intimati jew min minnhom, li ma żammewx it-triq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u agħar minn hekk ma

żammewx it-triq sigura biex jiġu evitati inċidenti simili. B'kaġun ta' dan l-inċidenti l-esponenti sofriet diżabilità permanenti f'saqajha u dan kif ġie ċċertifikat mill-Kirurgu Mr. Thomas Azzopardi, li kkonferma illi l-esponenti kienet qiegħda ssofri minn diżabilità permanenti ta' 7%. Apparti minn hekk kellha tinkorri diversi spejjeż mediċi u dan b'riżultat dirett tal-inċident tal-25 ta' April 2017, liema spejjeż jammontaw għal €704 u jinkludu visti mal-kirurgi, tobba, *physio therapists* u dan fost spejjeż oħra. Minkejja li l-intimati ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnha, inkluż bl-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ottubru 2017 baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

4. Fid-dawl ta' dan kollu talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma responsabbli għall- inċident li seħħ fil-25 ta' April 2017 u għalhekk konsegwentament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti in segwitu għall-istess inċident.*
>
> *2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti in segwitu għall-inċident tal-25 ta' April 2017, liema danni jinkludu imma mhux limitati għall- spejjeż inkorsi, telf ta' introjtu, riżarċiment għad-diżabilità, damnum emergens u l-lucrum cessans, jekk jeħtieġ anki bl-għajnuna ta' Perit nominandi .*
>
> *3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lill-esponenti dik issomma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti għas-subbizzjoni."*

5. Il-konvenut Kunsill Lokali tal-Belt Valletta intavola risposta ġuramentata nhar it-8 ta' Marzu 2019 eċċepixxa illi l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu diretta lejn l-intimati *stante* li ma kienu bla ebda mod responsabbli għall-allegat inċident li seħħ fil-ħamsa u

għoxrin (25) ta' April 2017 u għal konsegwenti allegati danni. Żied illi l-ambjent fejn allegatament ġara l-inċident kien għadu kif ġie kompletat mill-Awtorità intimata l-oħra, u ċjoè Transport Malta *tramite* kuntratturi minnha stess inkarigati. Dawn l-istess kuntratturi jkunu obbligati u marbutin li jiggarantixxu x-xogħol minnhom magħmul għal ċertu numru ta' snin.

6. Da parti tagħha, l-Awtoritá għat-Trasport f'Malta permezz ta' risposta ġuramentata datata 15 ta' Marzu 2019 wieġbet illi preliminarjament Transport Malta mhux il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Awtorità intimata, eċċepiet ukoll illi t-triq in kwistjoni ma taqax taħt il-kompetenza tagħha, b'dan il-manutenzjoni u riparazzjoni tat-toroq u partikolarment tat-triq mertu tal-kawża ma taqax taħt il-kompetenza tagħha. Fil-mertu sostniet illi, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tal-Awtorità intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

7. B'sentenza mogħtija nhar l-14 ta' Lulju 2022 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi:

> *"Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;*
>
> *Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Konvenuta Awtoritá għat-Trasport f'Malta;*

*Tiċħad l-eċċezzjonjiet tal-Konvenut Kunsill Lokali tal-Belt Valletta;*

*Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi li l-Konvenuti huma responsabbli in solidum għall-inċident li seħħ fil-25 ta' April 2017 u għalhekk konsegwentament responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponenti in segwitu għall-istess inċident;*

*Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi in segwitu għall-inċident tal-25 ta' April 2017 fl-ammont ta' ħmistax -il elf, sitt mija disa' u tmenin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€15,689.23);*

*Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-Konvenuti insolidum bejniethom iħallsu lill-Attriċi is-somma msemmija ta' ħmistax -il elf, sitt mija disa' u tmenin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€15,689.23);*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mil-Konvenuti in solidum."*

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tiddeċiedi kif indikat *sopra* huma s-segwenti:

*"…il-Qorti ma hiex f'qagħda li tkun taf fuq min ġiet mitfugħa jew kif inqasmet ir-responsabbilitá talistess. Ma hux possibbli li l-Qorti tikkonsidra li ħadd mill-konvenuti ma għandu jwieġeb għall-ħsara li sofriet l-Attriċi għaliex huwa prinċipju ta' importanza ta' amministrazzjoni pubblika tajba, li dawk l-Awtoritjiet li b'xi mod kienu involuti jew uzufruwew minn xogħoljiet pubbliċi, jekk filwaqt tat-twettiq tagħhom ikun seħħ xi infortun li seta' jkun evitat minnhom, għandhom iwieġbu għal dik il-ħsara. Kif diġa' il-konvenuti ikkonċentraw unikament fuq il-punt dwar jekk din il-Kawża kelliex tkun diretta kontra tagħhom. F'ebda ħin ma provaw jeżonaraw lilhom innfushom mill-allegazzjoni li ma humiex responsabbli għal inċident għax ma kienx minnu dak li qed tallega l-Attriċi jew li dak li ġara kien tort tagħha. Għalhekk fid-dawl tad-diversi provvedimenti tal-liġi fuq indikati u anke taxxhieda mogħtija, Il-Qorti sejra tqis li ż-żewġ konvenuti għandhom jinżammu responsabbli in solidum tal-inċident de quo*

*Danni attwali*

*L-Attriċi trid li jiġu kalkolati bħala danni attwali l-ispejjeż li nkorriet kaġun talistess aċċident kif murija fl-irċevuti annessi bħala dokumenti B sa F (a' fol 10 sa 14) mar-rikors ġuramentat tagħha. Skont in-nota tagħha a' fol 156 (para 36), dawn jammontaw għal €704. Ma dan l-ammont il-Qorti tqis li għandu jiżdied ukoll l-irċevuta preżentata a' fol 91 fl-ammont ta' €5. Għaldaqstant, il-Qorti tillikwida d-danni attwali sofferti mill-Attriċi konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' €709.*

*Omissis*

*Perċentwali ta' diżabilitá*

*L-Attriċi preżentat rapport mediku tal-konsulent Mr. Thomas Azzopardi li kkonkluda li l-Attriċi qed tbati minn diżabilitá permanenti ta' 7% (ara rapport ex parte a' fol 5). L-espert imqabbad minn din il-Qorti, Mr. Frederick Zammit Maempel, wasal għal l-istess konklużjoni, u ċjoè li l-Attriċi qed tbati minn diżabilitá permanenti ta' 7% (ara rapport a' fol 87). Għaldaqstant ir-rata li l-Qorti tqis li għandha tikkonsidra għall-fissazzjoni ta' danni hija dik ta' 7%.*

*Salarju*

*Ai fini ta' kalkolu lucrum cessans, il-Qorti se tqis is-salarju perċepit mill-Attriċi fis-sena preċedenti għall-inċident, jiġifieri fis-sena 2016. Id-dħul tagħha skont l-FS3 relattiva għal-dik is-sena (a' fol 44) kien dak ta' €14,820 gross. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' €890 bħala taxxa, u €2,712.80 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtá soċjali.*

*Għaldaqstant l-ammont nett huwa dak ta' €11,217.20. Applikat l-insenjament tas-sentenza appena ċitata, l-Qorti sejra tikkunsidra din is-somma bħala l-multiplikant.*

*Il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll iż-żieda potenzjali fid-dħul tal-attriċi. Dan fid-dawl ta' dak ribadit minn dawn il-Qrati (ara Apap vs Degiorgio, Qorti tal-Appell, 16 ta' Jannar 1984; Sultana vs Malta Drydocks Corporation, Qorti Kummerċjali, 28 ta' Mejju 1979; Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni, Qorti tal-Appell, 3 ta' Frar 2012). Għalhekk, abbażi tal prinċipju ta' ġustizzja ekwitattiva, il-Qorti ser tkun qed tiffissa din iż-żieda potenzjali fl-ammont ta' €2,500. Aspettativa tal-ħajja lavorattiva Jirriżulta mill-atti li l-Attriċi kellha 46 sena meta seħħ l-inċident (ara affidavit a' fol 41 para 17). Il-Qorti sejra għalhekk tikkalkula l-multiplier fuq il-ħajja lavorattiva rimanenti tal-Attriċi, ċioe' dak ta' dsatax (19) -il sena, jiġifieri ż-żmien li jrid jgħaddi biex l-Attriċi tilħaq l-etá tal-pensjoni, l-etá ta' ħamsa u sittin sena (artikolu 2 tal-Kap. 318).*

*Lump sum payment u lucrum cessans*

*Skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Imma din il-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-inċident seħħ fl-2017 u s-Sentenza ser tingħata ftit iktar minn ħames snin wara. Il-fattur tad-dewmien għandu jirrifletti fit-tnaqqis ta' din il-lump sum payment. Iżda dawn il-Qrati għallmu ukoll li l-lump sum payment ta' 20% jitnaqqas meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-sentenza finali [ara Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawża tal-Prim Awla Caruana vs Camilleri PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien.*

*Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fiddewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction" (ara Agius vs Fenech 29 ta' Ottubru, 2003). Fil-kawża tal-Prim Awla Mizzi vs Azzopardi tas-16 ta' Diċembru, 2004 is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi Spiteri vs Zammit Tabona App Ċiv Sup 16/3/99 u Caruana vs Camilleri App Ċiv Sup 27/2/04, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fil-kawża Galea vs Piscopo PA 3/10/03, 5% f'Scicluna vs Meilaq PA 16/7/01 u 0% fil-kawżi Turner vs Agius App Civ Sup 28/11/03, Bonnici vs Gauci PA 15/9/99 meta għaddew 15-il Rik.Nru: 127/2019 TA 22 sena, f'Zammit vs Zahra PA 20/01/05 meta għaddew 17-il sena, u Schembri vs Caruana Kum 20/4/90 meta għaddew 19-il sena.*

*Filwaqt li fil-każ in eżami għaddew 5 snin mill-inċident, il-Qorti tirrikonoxxi ukoll li, fiċ-ċirkostanzi, d-dewmien ma kienx jaħti għalih id-danneġjata. Normalment ir-riduzzjoni kienet tkun ta' 10%. Fil-każ in eżami l-Attriċi intavolat l-kawża kważi sentejn wara l-inċident. Il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li t-tnaqqis tal-lump sum payment għandu jkun ta' 14%. Għaldaqstant abbażi tal-prinċipji fuq imsemmija, u fid-dawl tat-tagħlim ġurisprudenzjali din il-Qorti qiegħda tiffissa u tillikwida in linea ta' lucrum cessans l-ammont ta' €14,980.23 konsistenti f'salarju ta' €11,217.20 multiplikat b'19 -il darba li jammonta għal €213,126.80. 7% ta' dan l-ammont huwa €14,918.876. Iżżid magħhom €2,500 rappreżentanti potenzjal ta' dħul li jiġu għal €17,418.88. Meta jitnaqqas 14% lump sum payment, jammonta b'kollox għal €14,980.23. L-ammont globali ta' danni sofferti mill-Attriċi huwa għalhekk ta' €15,689.23 (€14,980.23+€709)."*

9. Permezz tal-appell tagħha l-Awtorità għat-Trasport f'Malta talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti billi filwaqt li tikkonferma l-parti tad-deċiżjoni li fiha ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, tgħaddi sabiex tirrevoka, tħassar u tannulla l-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità esponenti u minflok tgħaddi sabiex tilqa' l-aggravji mressqa f'dan l-appell u konsegwentement tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-Awtorità esponenti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess Kunsill appellat.

10. Ingrid Magri Overend wieġbet għal dan l-appell fis-7 ta' Settembru 2022 u affermat illi s-sentenza appellata timmerita illi tiġi kkonfermata. Tissottolinea illi permezz tal-appell tagħha l-Awtorità appellanta qiegħda tikkontesta biss min mill-konvenuti kellu jwieġeb għat-talbiet attrici, b'dan illi fil-fehma tal-istess Awtorità kellu jkun il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li jwieġeb għat-talbiet attriċi. Tisħaq illi l-Ewwel Qorti għamlet sew meta sabet lill-istess Awtorità u lill-Kunsill responsabbli *in solidum* bejniethom.

11. Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta wieġeb għall-appell tal-Awtorità appellanti nhar id-9 ta' Awwissu 2022, filwaqt li pprevailixxa ruħu mid-dritt li jintavola appell inċidentali mill-imsemmija sentenza *appellate* fejn talab prinċipalment lil Qorti li ssib l-Awtorità għat-Transport responsabbli unikament għall-inċident.

12. Ingrid Magri Overend wieġbet għall-appell inċidentali tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta nhar is-7 ta' Ottubru 2022.

13. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta wieġbet għall-appell inċidentali tal-Kunsill Lokali permezz ta' risposta datata 24 ta' Ottubru 2022, fejn indirizzat l-aggravji mressqa mill-Kunsill Lokali fl-appell inċidentali.

14. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-

sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Il-Qorti rat illi l-aggravji hekk kif dedotti fl-appell prinċipali, u anke dawk avvanzati fl-appell inċidentali, jitrattaw biss min fil-fehma tal-konvenuti kellu jwieġeb għall-ħsara sofferta mill-attriċi, u dan wara li l-Ewwel Qorti sabet lil entrambi konvenuti responsabbli *in solidum* għall-imsemmija ħsara. Ħadd mill-konvenuti ma kkontesta dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi *in toto*. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti ser tkun qiegħda titratta l-appell prinċipali u dak inċidentali kontemporanjament.

16. Permezz tal-***<u>ewwel aggravju</u>***, l-Awtorità appellanta tisħaq illi minkejja li l-Ewwel Qorti ċċitat l-Att XXVIII li ġie mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-seduta numru 137 tal-4 ta' Lulju 2018, għamlet interpretazzjoni kompletament skorretta tal-istess. Issostni illi anke fiż-żmien meta r-responsabbilità tat-toroq kienet taħt ir-responsabbilità tal-Awtorità, ma kinitx għadha għaddiet f'idejn Infrastructure Malta, l-Awtorità ma kienet responsabbli għall-ebda triq fil-Belt Valletta u għalhekk qatt ma setgħet tiġi kkundannata għal responsabbilità ta' triq li qatt ma kellha r-responsabbilità tagħha. L-Artikolu 26 tal-Att XXVII tal-2018, ma jagħti l-

ebda sostenn lill-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, għaliex it-triq li fiha seħħ l-inċident u ċjoè Triq l-Ifran, qatt ma kienet taħt ir-responsabbilità tal-Awtorità esponenti. Dan fil-fehma tal-Awtorità l-iżball da parti tal-Ewwel Qorti wassal lill-istess Qorti tasal għall-konklużjoni l-ħazina.

17. Żiedet illi l-Ewwel Qorti skartat kompletament kull referenza li saret għall-Kap. 363 li jelenka bl-iktar mod preċiż it-toroq li fiż-żmien tal-inċident kienu jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Awtorità bħala toroq arterjali u distributorji. Abbażi tal-istess leġislazzjoni kellu jkun ċar u inekwivoku li l-Belt Valletta m'hemm l-ebda toroq arterjali jew distributorji. Tafferma illi l-Ewwel Qorti għalhekk marret *oltre* mill-liġi.

18. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill Lokali jisħaq illi l-inċident seħħ prinċipalment minħabba negliġenza u inkompetenza ta' xogħol ta' pavimentar u rikostruzzjoni ta' persuni inkarigati mill-Awtorità appellanti. Mix-xhieda prodotta rriżulta illi l-Awtorità kienet wettqet xogħlijiet ta' pavimentar fit-triq in kwistjoni u fil-fatt wara li kien seħħ l-inċident in kwistjoni, l-Awtorità kienet ħadet azzjoni u rranġat l-imsemmija triq, għaliex fil-fehma tal-Kunsill, kienet konxja tar-responsabbilità tagħha f'dan. Li kieku dak sostnut mill-Awtorità huwa minnu, għaliex irranġaw it-triq wara l-inċident? Il-Kunsill iżid illi x-xogħlijiet in kwistjoni ma kinux xogħlijiet ta' manutenzjoni, iżda xogħlijiet maġġuri. Jispjega illi l-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali huma limitati ħafna u dawn it-tip ta' xogħlijiet

ta' pavimentar u rikostruzzjoni qatt ma jistgħu jkunu responsabbli għalihom il-Kunsill. Il-Kunsill isostni illi din il-kwistjoni ma tistax tiddependi fuq punt ta' liġi iżda fuq punt ta' fatt, fatt li l-inċident seħħ minħabba nuqqas ta' xogħol kompetenti.

19. Dak li trid teżamina din il-Qorti huwa għalhekk jekk l-Ewwel Qorti abbażi tal-provi prodotti kinitx korretta meta qasmet il-ħtija bejn l-Awtorità intimata u l-Kunsill Lokali.

20. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"Iż-żewġ Konvenuti minflok laqgħu għal din l-azzjoni bl-eċċezzjoni ewlenija li ma humiex il-leġittimi kontradittu ri. Ilprovi tagħhom kienu kollha konċentrati fuq din l-eċċezzjoni kif sollevata minnhom it-tnejn.*

*Ħadd mill-konvenuti ma kkontesta l-istat ħażin u ta' periklu li skont l-Attriċi kienet fiha t-Triq in kwistjoni dik inhar tal-inċident. Iż-żewġ Konvenuti minflok laqgħu għal din l-azzjoni bl-eċċezzjoni ewlenija li ma humiex il-leġittimi kontradittu ri. Ilprovi tagħhom kienu kollha konċentrati fuq din l-eċċezzjoni kif sollevata minnhom it-tnejn.*

*Fix-xhieda u l-Affidavit tagħha, is-Segretajru Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta, Gabriella Aġius, tinsisti li ftit żmien qabel l-inċident l-awtoritá Konvenuta kienet wettqet xogħol ta' pavimentar tat-triq in kwistjoni (ara a' fol 94 u 136). Wara l-inċident din it-triq kienet ġiet ukoll irranġata mill-istess awtoritá Konvenuta. Is-Sinjura Aġius saħqet li fi żmien l-inċident, il-kostruzzjoni u lmanutenzjoni tat-Triq in kwistjoni kienet dejjem f'idejn l-Awtoritá Konvenuta. Hija tgħid li, difatti, ma kienx il-Kunsill konvenut iżda l-Awtoritá intimata li ħarġet it-tender għal dan ix-xogħol. L-Awtoritá Konvenuta dan ma kkontestatux. Anzi, fix-xhieda tagħha, Karen Cremona in rappreżentanza ta' l-awtoritá Konvenuta kkonfermat li "Qabel Settembru tat-2018 it-toroq kienu jieħdu ħsiebhom Road Infrastructure Directorate. Dawn infirdu minn ma 'l-awtoritá ... f'Jannar tat-2019...[u] ħadnih aħna bħala Land Transport Directorate, Transport Malta. Ġie transferred minn direttorat għal ieħor."(a' fol 103).*

*Fuq l-istess mod xehed il-Perit David Vassallo li fi żmien tal-inċident kien impjegat tal-Awtoritá Konvenuta. Għalkemm irrefera għal Kap. 363 biex jemfasiżża l-punt li t-toroq li ma humiex arterjali u distributorji (bħal ma hi*

*t-triq li fuqha seħħ l-inċident) jaqgħu skont dik il-liġi taħt ir-responsabilitá tal-Kunsill Konvenut, huwa stqarr li "fejn ma tkunx day to day maintenance imma major maintenance transport Malta dak iż-żmien tintervjeni....Aħna ovvjament tgħidli qatt ma intervjenejtu, intervjenejna b'mod maġġuri jiġifieri proġetti ta' pavimentar ma jkunux għamlu l-Kunsill, tkun għamlithom l-Awtoritá". Huwa kompla jiċċara li fir-rigward ta' dawn il-proġetti, l-Awtoritá Konvenuta issa qed topera taħt l-isem ta' Infrastructure Malta minn meta din ġiet kreata f'Settembru 2018. Dan ix-xhud iżda jiċċara li qabel ma kien hemm Infrastructure Malta, kien hemm l-Awtoritá Transport Malta (ara xhieda a' fol 130).*

*F'dan l-isfond il-Qorti sejra issa tagħti ħarsa lejn il-liġi kif jirrisultalha li kienet viġenti fiż-żmien tal-inċident, jiġifieri qabel ma ġew introdotti l-emendi bis-saħħa tal-Att XXVIII tal-2018. Dan seta' wkoll jiġi konstatat minn din il-Qorti, fuq skorta ta' numru ta' Sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fl-epoka tal-inċident mertu tal-Kawża.*

*L-Artikolu 33 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, ossia fl-2017, kien jipprovdi li :-*

*"(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

*(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata: Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew lasfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*

*(d) li jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skont livelli nazzjonali u internazzjonali;*

*(2) Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li 4 tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont issubartikolu (1)(w) jew (x), huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali." (emfażi tal-Qorti)*

*Il-provvedimenti transitorji tal-ATT XXXVIII li ġie mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 137 tal-4 ta'Lulju, 2018 jifta' dawl dwar il-kwistjoni ta' responsabbilità artikolu 26 tal-Att li jipprovdi hekk:*

*"(1) F'azzjoni għal korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà li tirriżulta minn nuqqas fil-manutenzjoni ta' xi triq, dawn l-azzjonijiet għandhom jiġu istitwiti kontra:*

*(i) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-*

*triq rilevanti qabel l-ordni f'artikolu 27 (1)kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha skont illeġiżlazzjoni applikabbli;*

*(ii) l-Aġenzija fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti wara l-ordni flartikolu 27(1)tkun taħt ir-responsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni applikabbli; u*

*(iii) kunsill lokali fir-rigward ta' kwalunkwe korriment jew danni mġarrba minn*
*kwalunkwe persuna jew proprjetà fiż-żmien meta t-triq rilevanti tkun taħt irresponsabbiltà tagħha skont il-leġiżlazzjoni u l-ordnijiet fl-artikolu 27(2) u*

*(3)rispettivament skont il-każ applikabbli:*

*Iżda meta triq hija kklassifikata bħala triq lokali skont il-leġiżlazzjoni applikabbli u taqa', fi kwalunkwe miżura, taħt ir-responsabbiltà ta' kunsill lokali skont l-Att dwar Kunsilli Lokali,ir-responsabbiltà għal dik it-triq lokali m'għandhiex, filmiżura ta'dik ir-responsabbiltà, tkun il-funzjoni tal-kunsill lokali rispettiv jekk ilħsarat fiha huma ta' natura straordinarja u għaldaqstant taqa' taħt irresponsabbiltà tal-Aġenziji".*

*(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)aktar 'il fuq, firrigward tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont ilkaż, għandha tkun difiża li jiġi ppruvat li:(a) l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Aġenzija jew kunsill lokali, skont il-każ, kienu ħadu ħsieb skont kif kien raġonevolment meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, sabiex jiżguraw li dik il-parti tat-triq li magħha hija relatata l-azzjoni ma kenitx perikoluża għat-traffiku; jew(b) li lkorriment jew id-dannu rriżultaw".*

*Issa huwa ċar li l-infortun mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ fil-25 ta' April 2017, meta l-Att inkwistjoni għadda fl-4 ta' Lulju 2018 u l-ordni imsemmija fl-arikolu ċitat, żgur li ngħatat wara din id-data tal-inċident. Għalhekk il-loġika tgħidlek li bis-saħħa ta' dan l-arikolu, kienu għadhom responsabbli għaż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq l-Awtorità tat-Trasport u/jew il-Kunsill lokali skont il-każ.*

*Minn naħa l-oħra, l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta), kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn ilproċeduri, ossia fl-2017, kien jipprovdi dwar is-setgħat u l-funzjonijiet tagħha firrigward tat-toroq kif ġej: Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bil ferrovija: ……*

*(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla*

*kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għallbini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:*

*Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità" (sottolinear u emfażi ta' din il-Qorti).*

*Fid-dawl ta' dak dispost fil-liġi appena ċitata, u tenut kont tal-fatt inkontesat li lippavimentar tat-Triq li fuqha seħħ l-inċident u s-sussegwenti tiswija tagħha, sar mill-Awtoritá Intimata, il-Qorti tasal għal konklużjoni li seħħ bilfors xi forma ta' ftehim bejn iż-żewġ Konvenuti għal dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni.*

*Billi dan il-ftehim ma ġiex ippreżentat in atti, il-Qorti ma hiex f'qagħda li tkun taf fuq min ġiet mitfugħa jew kif inqasmet ir-responsabbilitá talistess. Ma hux possibbli li l-Qorti tikkonsidra li ħadd mill-konvenuti ma għandu jwieġeb għall-ħsara li sofriet l-Attriċi għaliex huwa prinċipju ta' importanza ta' amministrazzjoni pubblika tajba, li dawk l-Awtoritjiet li b'xi mod kienu involuti jew uzufruwew minn xogħoljiet pubbliċi, jekk filwaqt tat-twettiq tagħhom ikun seħħ xi infortun li seta' jkun evitat minnhom, għandhom iwieġbu għal dik il-ħsara. Kif diġa' il-konvenuti ikkonċentraw unikament fuq il-punt dwar jekk din il-Kawża kelliex tkun diretta kontra tagħhom.*

*F'ebda ħin ma provaw jeżonaraw lilhom innfushom mill-allegazzjoni li ma humiex responsabbli għal inċident għax ma kienx minnu dak li qed tallega l-Attriċi jew li dak li ġara kien tort tagħha. Għalhekk fid-dawl tad-diversi provvedimenti tal-liġi fuq indikati u anke taxxhieda mogħtija, Il-Qorti sejra tqis li ż-żewġ konvenuti għandhom jinżammu responsabbli in solidum tal-inċident de quo u għaldaqshekk*."

21. Din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li jkunu saru mill-Ewwel Qorti iżda m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaq serji biex tagħmel dan.

22. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma twassalx bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk

jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet Citadel Insurance plc v. Shield Services Limited et u l-ġabra ta' referenzi għas-sentenzi hemm magħmula.)

23. Mill-atti jirriżulta illi l-provi prodotti mill-Awtorità u mill-Kunsill Lokali rispettivament, kienu biss intizi sabiex jiskaġunaw lilhom infushom mill-ħtija attribwita lilhom mill-attriċi. Il-Qorti rat illi b'referenza għall-pavimentar tat-triq in kwistjoni, saret referenza għal *tenders,* u anke ingaġġar ta' kuntratturi. Minkejja dan il-Qorti tosserva illi ma ġiet prodotta l-ebda dokumentazzjoni sabiex tikkorrabora dak rilevat, mill-uffiċjali relattivi li xehdu in Prim'Istanza.

24. Ikun floku illi għalhekk jiġu individwati il-funzjonijiet rispettivi tal-konvenuti. Il-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, fost ħwejjeġ oħra, jidentifika l-konfini tal-lokalitajiet kollha madwar Malta u Għawdex. Il-Qorti rat illi l-Artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Kap.363 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, *ossia* fl-2017, kien jipprovdi li :-

> *"(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*
>
> *(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata: Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew lasfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*
>
> *(d) li jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skont livelli nazzjonali u internazzjonali;*
>
> *(2) Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li 4 tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont issubartikolu (1)(w) jew (x), huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali."*

25. Skont ir-Regolament 2 tal-Avviż Legali 29 ta' l-2010 kif emendat ("Regolmenti tal-2010 dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq"), "manutenzjoni ta' rutina f'toroq" tfisser, *"azzjonijiet li jittieħdu fuq bażi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinżammu fi stat sigur u tajjeb għall-użu, azzjonijiet li jittieħdu biex fejn possibbli triq ma titħalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittieħdu biex il-wiċċ ta' triq u l-ġnub tagħha jinġiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, iżda mhijiex limitata għal, mili ta' ħofor ..."*.

26. Ir-Regolament 3(1) ta' dan l-Avviż Legali jistabbilixxi wkoll illi, *"L-Awtorità għandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriża, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-ġdid, twessiegħ, tiġdid, manteniment, titjib, immaniġġar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq: Iżda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment,*

*it-titjib u l-manutenzjoni tagħha għandu jipprovdi għalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali."*

27. Min-naħa l-oħra l-artiklu 7 tal-Kap 499 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fiż-żmien pertinenti għal dawn il-proċeduri, *ossia* fl-2017, kien jipprovdi dwar is-setgħat u l-funzjonijiet tagħha fir-rigward tat-toroq kif ġej:

> *"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bilferrovija: ……*
>
> *(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għallbini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:*
>
> *Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità"*

28. Il-Qorti rat illi effettivament huwa minnu dak sostnut mill-Awtorità, u ċjoè illi l-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta ma jelenka l-ebda triq fil-Belt Valletta li fiż-żmien in kwistjoni kienet taqa' taħt il-kompetenza tal-Awtorità għaliex fil-Belt Valletta ma hemm l-ebda toroq li huma klassifikati bħala arterjali u distributorji. Sa hawnhekk, ir-responsabbilità ittendi tersaq lejn u taqa' fuq il-Kunsill. Fil-fatt kif anke jirriżulta b'mod inekwivoku min-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorità, l-istraġeija difensjonali tal-Awtorità intimata tistrieħ unikament fuq din il-premessa.

29. Magħdud dan però, din il-Qorti rat illi fl-ebda stadju tal-proċeduri ma ġie kkontestat illi l-pavimentar in kwistjoni kien xi ftit snin qabel l-inċident sar minn Transport Malta. Dan il-fatt ma kienx biss sostnut minn Gabriella Agius, Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali (ara a fol 94 et seqq) iżda anke mill-Perit David Vassallo fejn bl-iktar mod ċar stqarr illi: "*fejn ma tkunx day to day maintenance imma major maintenance transport Malta dak iż-żmien tintervjeni....Aħna ovvjament tgħidli qatt ma intervjenejtu, intervjenejna b'mod maġġuri jiġifieri proġetti ta' pavimentar ma jkunux għamlu l-Kunsill, tkun għamlithom l-Awtoritá*". Il-Qorti tosserva ukoll illi lanqas ma ġie kontestat illi wara l-inċident tal-attriċi kienet Transport Malta li għat-tieni darba wettqet xogħlijiet fuq l-istess pavimentar. Il-Kunsill Lokali min-naħa l-oħra, tafferma illi il-kwistjoni ma kinitx waħda ta' nuqqas ta' manutenzjoni. Tisħaq illi x-xogħol kien sar b'nuqqas ta' ħila.

30. Il-Qorti hija għalhekk rinfaċċata b'sitwazzjoni fejn effettivament saru xogħlijiet ta' pavimentar mill-Awtorità intimata, fi triq li skond il-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, u skont l-istess Awtorità ma taqax taħt ir-responsabbilità tagħha. Hu prinċipju konsolidat kemm fid-dottrina u kif ukoll f'ġurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubbliċi li lilhom huma afdati ċertu mansjonijiet huma, bħal kull ċittadin privat, marbuta li josservaaw, fil-kors tal-attivitajiet tagħhom, il-prudenza, diliġenza u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, hekk kif dettat mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi

Ċivili. Filfatt, fil-qasam tad-dannu minħabba xogħlijiet pubbliċi, il-Gvern jew id-dipartimenti tiegħu ma jistgħux jinsatru wara l-iskuża tal-għemil amministrattiv *stante* li n-normi tal-liġi jgħoddu ukoll għall-Gvern jew entitajiet pubbliċi ukoll. (Ara app. Civ. 28.2.01 fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xogħlijiet u P.A. 3.10.53 fil-kawża fl-ismijiet Xuereb vs Micallef noe et Kollezz Vol. XXXV11.ii.753).

31. Kemm jekk *si tratta* minn esekuzzjoni ta' xogħlijiet, u sew jekk *si tratta* minn manutenzjoni ta' opri pubbliċi, viġilanza u kontroll, tali żvoliġiment għandu jiġi esegwit b'għaqal, korrettezza, u *bon* sens f'kull parti tal-operat. L-entità pubblika li ma tosservax dan kollu titqies fi ħtija u allura bħal kull ċittadin privat, trid taffaċċja l-konsegwenzi ta' dak sanċit fl-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili.[1] Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001) sostniet:

> *"Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'nemine laedere' in osequio alla quale essa e tenuta a far sic he l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto)."*

32. Il-Qorti rat illi fl-affidavit tagħha l-attriċi spjegat illi: "*Illi dan kollu ġara minħabba in-nuqqasijiet tal-Kunsill tal-Belt u ta' Transport Malta li naqsu milli iżommu Triq San Gwann fi stat tajjeb ta' manutenzjoni minkejja illi*

*saret ftit tas-snin ilu. Illi ngħid li l-parti fejn waqajt jien ta' Triq San Gwann, kienet* *sfrundat* *u għalhekk jiena weġġajt f'dak id-diżlivell. Illi jiena ngħid ukoll illi nixba nara nies ser jaqaw u iweġġaw fl-istess biċċa… illi ngħid ukoll illi wara 9 xhur mill-inċident il-post eżatt fejn waqajt jiena kien ġie rranġat imma illum il-ġurnata reġa' sfronda*." Il-Qorti rat ir-ritratti esebiti mill-istess attriċi *a fol 59* u anke dawk *a fol 80 et seq.*

33. L-Art. 1031 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu."* Din il-Qorti ħasbet fit-tul u filwaqt li hija l-fehma illi r-responsabbilità għall-akkadut kellha tkun spartita bejn iż-żewġ konvenuti, ma tqisx illi l-konvenuti huma entrambi responsabbli fi kwoti ugwali. Il-Qorti rat illi għalkemm it-triq in kwistjoni ma taqax *entro* r-responsabbiltajiet tal-Awtorità kif indikat fil-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tistax tinjora illi kienet l-Awtorità konvenuta li kienet responsabbli għall-ħruġ u l-għażla tat-*tender* għall-akkwiżizzjoni u l-installar tal-pavimentar fit-triq in kwistjoni, pavimentar li kif jirriżulta mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi, u mill-provi fotografiċi in atti, sfronda għal darba darbtejn f'qasir żmien. Wieħed jippresumi illi anteċedenti għall-għażla ta' materjal partikolari biex jitqiegħed bħala pavimentar fi triq li hija waħda pedonali u waħda aċċessibbli ukoll għall-vetturi tkun saret riċerka appożita sabiex jiġi aċċertat li tali materjal jkun wieħed reżistenti.

34. Mill-provi in atti però jidher illi dan ma kienx il-każ, u għalhekk din il-Qorti tikkondividi dak affermat mill-Kunsill, illi jew il-materjal jew l-installazzjoni tal-istess pavimentar kienet waħda difettuża *ab initio.* Għalhekk ir-responsabbilità għal akkadut hija tal-Awtorità konvenuta, *stante* li meta entità pubblika tiġi affidata bit-twettiq ta' proġett pubbliku ta' ċertu portata, bħal dak mertu tal-vertenza odjerna, wieħed jesiġi illi bħal fil-każ ta' persuna privata, tiġi wżata l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Din ir-regola tgħodd f'kull parti mit-twettiq tal-proġett in kwistjoni; kemm waqt it-twettiq innifsu tal-proġett u kif ukoll waqt il-proċess ta' manutenzjoni u ***kif ukoll fl-istadju tal-viġilanza u tal-kontroll.***[2] (Enfażi ta' din il-Qorti.)

35. Min-naħa l-oħra, huwa naturali, u kif ukoll mistenni, li l-Kunsill Lokali hu vestit b'dover ġenerali li jieħu ħsieb l-oġġetti li jaqgħu fil-konfini territorjali tiegħu u dan id-dmir ġenerali jimponi fuq il-Kunsill Lokali li bħal *bonus pater familias* jindokra u jieħu ħsieb dak kollu li jirrientra fil-parametri tal-lokalità. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi għalhekk isegwi li l-Kunsill Lokali *ai termini* tal-obbligi u d-dmirijiet imposti fuqu mill-Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta kellu l-obbligu li jieħu passi raġonevoli u konkreti biex inaqqas ir-riskju kkawżat minn dan il-pavimentar fit-triq in kwistjoni kif ukoll li jżomm viġilanza li ma jkun hemm ebda periklu għall-utenti tat-triq hekk kif irriżulta li x-xogħol sar ħażin u l-Kunsill ma ħax passi biex iħares

---

[2] Ara App. Inf. 23.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet Hugh P. Zammit noe et vs Direttur tat-Toroq et.

lill-utenti mill-periklu li ġie kkawżat bix-xogħol ħażin. Għal din ir-raġuni għandu ukoll jiġi attribwit tort u fiċ-ċirkostanzi tqis bħala *gusta* s-sentenza tal-Ewwel Qorti li l-konvenuti jkunu responsabbli ugwalment *in solidum*.

36. Permezz ***tat-tieni aggravju***, l-Awtorità affermat illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta assumiet li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità, meta ma nġabet l-ebda prova li tali ftehim jeżisti. Iżżid illi minkejja li kif ritenut mill-Ewwel Qorti stess fis-sentenza appellata, tali ftehim qatt ma ġie preżentat, kif qatt setgħet l-Ewwel Qorti tassumi li kien hemm tali ftehim? L-Awtorità ssostni illi ma setgħet issir l-ebda assunzjoni meta ma kien hemm l-ebda prova ta' dan fl-atti, b'dan illi *quod non est in actis non est in mundo.*

37. It-tieni aggravju fl-appell inċidentali intavolat mill-Kunsill Lokali jitratta dan l-istess punt. Il-Kunsill, bħall-Awtorità ssostni illi mill-atti proċesswali ma rriżulta li kien hemm l-ebda ftehim kuntrattwali bejn il-konvenuti, għalkemm il-Kunsill ma jeskludix li seta' kien hemm xi forma ta' qbil b'mod taċitu. Jafferma illi l-Ewwel Qorti kellha tistrieħ fuq il-provi miġjuba.

38. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwent osservazzjoni:

> *"Fid-dawl ta' dak dispost fil-liġi appena ċitata, u tenut kont tal-fatt inkontesat li lippavimentar tat-Triq li fuqha seħħ l-inċident u s-sussegwenti tiswija tagħha, sar mill-Awtoritá Intimata, il-Qorti tasal għal konklużjoni li seħħ bilfors xi forma ta' ftehim bejn iż-żewġ Konvenuti*

*għal dak li għandu x'jaqsam mal-manutenzjoni tat-triq in kwistjoni. Billi dan il-ftehim ma ġiex ippreżentat in atti, il-Qorti ma hiex f'qagħda li tkun taf fuq min ġiet mitfugħa jew kif inqasmet ir-responsabbilitá tal istess."*

39. Il-Qorti ssib illi dan l-aggravju huwa wieħed fondat. Filwaqt illi din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti attribwiet r-responsabbilità għall-akkadut liż-żewġ konvenuti, din il-Qorti ma fasslitx il-fehma tagħha fuq ftehim ipotetiku li effettivament seta' ma kienx jew kien hemm bejn il-partijiet, iżda sejset il-ġudikat tagħha abbażi tar-riżultanzi probatorji u l-prinċipji ġenerali tad-dritt li jirregola din is-*subjecta materia.*

40. Għal dawn il-motivi din il-Qorti sejra tilqa' t-tieni aggravju hekk kif dedott fl-appell prinċipali, u t-tieni aggravju kif kontenut fl-appell inċidentali għalkemm ma jbiddel xejn mis-sustanza tad-deċiżjoni.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula *sopra*, billi:

(1) Issib illi t-tieni aggravju tal-appell prinċipali u it-tieni aggravju tal-appell inċidentali huma fondati għalkemm ma jbiddlu xejn mis-sentenza tal-Ewwel Qorti.

(2) Tiċħad il-bqija tal-appell prinċipali u l-appell inċidentali.

Tordna illi kull parti għandha tbati l-ispejjeż tal-appelli rispettivi tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb